MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 750/2007

**Paradise Bay Hotel Limited (C 398)**

**vs**

**Budavar Tours**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' elfejn, tlett mija u sebghin Ewro u sebgha u tletin centezmi (€ 2370.37), ekwivalenti ghal Lm1,017.60, rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut ghall-akkomodazzjoni u '*ancillary services'* ghall-klijenti tad-ditta Budavar Tours gewwa l-lukanda taghha Paradise Bay Hotel.

Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet s-somma fuq imsemmija ma thallsitx.

Ghaldaqstant, il-kumpanija attrici titlob illi dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jikkundanna lil Budavar Tours sabiex thallas is-somma mitluba bl-imghax ta' 8% mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz tat-talba u bl-ispejjez tal-proceduri.

It-Tribunal laqa' rikors tas-socjeta' attrici fejn gie mitlub l-awtorizazzjoni ta' dan it-Tribunal sabiex jinnotifika lid-ditta Budavar Tours gewwa l-Ungerija ai termini ta' '*Council Regulation EC'*, numru 1348/2000 dwar notifiki u atti gudizzjarji fi stati membri ta' l-Unjoni Ewropeja li tapplika f'dan il-kaz.

Illi gie pprezentat certifikat ta' riferta posittiva *ai termini* ta` l-artiklu 10 tal-Council Regulations (EC) No 1348/2000 datata it-29 ta' Dicembru, 2007, Budapest l-Ungerija fl-indirizz moghti.

Ra mill-atti li d-ditta konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u l-anqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Sema` lil Stefan Fenech ghas-socjeta' attrici jixhed illi l-ammont mitlub fis-somma ta' elfejn, tlett mija u sebghin Ewro u sebgha u tletin centezmi (€ 2370.37), ekwivalenti ghal Lm1,101.60 ta' dak iz-zmien, ghadu dovut.

Ra li d-ditta konvenuta naqset milli tikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------